MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 286/1996/1

**Raymond Borg**

**vs**

**Fogg Ltd ghan-nom u in rapprezentanza ta' Avon Insurance plc**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur kellu Ford Transit numru ta' registrazzjoni R-6537 assikurata mal-konvenuti permezz tal-polza numru FACV23049/11/94 numru tac-certifikat 23049, liema polza tiskadi fil-31 t'Ottubru 1995, ic-certifikat ta' l-assikurazzjoni hu anness bhala Dokument "A";

Illi l-attur ghamel *claim* mad-ditta konvenuta, wara li dan il-Ford Transit gie misruq fit-30 t'April 1995;

Illi l-attur hallas lid-ditta konvenuta l-*premiums* ghall-1992, 1993 u 1994 rispettivament Lm55.20,0, Lm60.02,0 u Lm56.50,0;

Illi l-attur kien assikura l-Ford Transit tieghu kontra serq u ghas-somma ta' Lm_______;

Illi lill-attur insteraqlu l-Ford Transit fit-30 t'April 1995 u fit-2 ta' Mejju 1995 issottometta l-*claim* tieghu ma' l-assikurazzjoni tieghu biex jithallas is-somma ta' Lm1,400.00,0.

Illi l-konvenuti rrifjutaw illi jonoraw il-kuntratt ta' assikurazzjoni, qalu li dan kien null *ab initio* u ma hallsux lill-attur skond kif kien indikat fil-kuntratt, u dan jirrizulta mill-ittri Dokument "B" (10 ta' Lulju 1995), u Dokument "C" (11 ta' Lulju 1995) u Dokument "D" (18 t'Awissu 1995).

Illi nterpellati biex ihallsu l-*claim* b'zewg ittri, Dokument "E" (13 ta' Lulju 1995) u Dokument "F" (9 ta' Settembru 1995) il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara li l-kuntratt ta' assikurazzjoni li jibda mill-1 ta' Novembru 1994 u jintemm fil-31 t'Ottubru 1995 (Dokument "A") kien ghadu validu fit-30 t'April 1995 u fid-data tal-*claim* 2 ta' Mejju 1995 u taghmel dawk id-dikjarazzjonijiet l-ohra li huma necessarji;

2. Tordna u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur l-ammont ta' Lm1,400 jew somma verjuri u dan a tenur tal-kuntratt ta' assikurazzjoni li tibda mill-1 ta' Novembru 1994 u jintemm fil-31 t'Ottubru 1995 skond Dokument "A";

Bl-interessi u bl-ispejjez ta' l-ittri legali datati 13 ta' Lulju 1995 u 9 t'Awissu 1995.

Il-konvenuti ngunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet:-

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez u dan in vista tal-fatt li l-allegat kuntratt t’assigurazzjoni bejn il-partijiet, li huwa l-pern tal-kawza attrici, ma jezistix u qatt ma ezista legalment.

2. Illi meta l-attur kien mar u mela l-*proposal form,* li kif jaf kulhadd hija l-bazi tal-polza ta’ assigurazzjoni, wiegeb hazin ghal diversi domandi li sarulu jew ma zvelax certa nformazzjoni ta’ natura mportanti. Hekk l-istess meta mela l-*claim form* rigwardanti l-*claim* li tat lok ghall-kawza odjerna.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess a fol.18 u 19 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tas-17 ta’ Settembru 1996; tat-18 ta’ Novembru 1996; tat-30 ta’ April 1997 fejn xehed l-attur; tal-11 ta’ Gunju 1997; tat-23 ta’ Jannar 1998 fejn xehed P.S. 667 Edgar Borg.; tat-22 ta’ Mejju 1998; tas-17 ta’ Marzu 1999 fejn kompla jixhed l-attur u xehed Joseph Mario Sultana. Dr Zammit iddikjara li m’ghandux provi aktar; u tal-24 ta’ Novembru 1999.

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta li biha esebiet l-affidavit ta’ Anthony Savona.

Rat il-verbali tas-seduti tal-5 ta’ Mejju 2000; tas-6 ta’ Ottubru 2000; tal-15 ta’ Novembru 2000; u tal-14 ta’ Marzu 2001.

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta li permezz taghha esebiet l-affidavit ta’ Emanuel Cumbo.

Rat il-verbali tas-seduti tal-5 ta’ Gunju 2001; tat-30 ta’ Ottubru 2001 fejn Dr. Joseph Schembri ghas-socjeta’ konvenuta ddikjara li m’ghandux provi aktar. Huwa ghamel referenza ghas-sentenza **“Salvu Briffa vs Walter Camilleri noe “** (A.C.- 9 ta’ Frar 2001); tal-31 ta’ Jannar 2002 fejn xehed in kontro-ezami Emanuel Cumbo. Dr. Zammit iddikjara li m’ghandux provi aktar. Id-difensuri talbu li jipprezentaw nota ta’ osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta’ 40 gurnata lill-attur biex jipprezenta n-nota ta’ osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu erbghin (40) gurnata biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta’ April 2002.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ April 2002 fejn il-Qorti ssospendiet l-prolazzjoni tas-sentenza peress li dehrilha li hemm bzonn li jigu esebiti l-*proposal form, claims cheque u l-proposal form originali;* tat-30 ta’ Mejju 2002; tas-26 ta’ Gunju 2002; tat-23 t’Ottubru 2002; tat-8 ta’ April 2003; tal-15 ta’ Mejju 2003 fejn xehed Anthony Savona li esebixxa sitt (6) dokumenti “AS 1” sa “AS 6”. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 30 ta’ Ottubru 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. IL-VERTENZA ODJERNA.</u>

Illi l-attur kellu Ford Transit assikurat mas-socjeta’ konvenuta liema polza kienet tiskadi fil-31 ta’ Ottubru 1995. Din il-vettura nsterqet u b’hekk l-attur ghamel *claim* mas-socjeta’ konvenuta ghax hu kien assikurat kontra s-serq. Dan kien insteraqlu fit-30 ta’ April 1995 u fit-2 ta’ Mejju 1995 issottometta l-*claim* tieghu biex jithallas is-somma ta’ Lm1,400. Min-naha tieghu huwa kien hallas lis-socjeta’ konvenuta l- *premiums* ghall-1992, 1993 u 1994. Is-socjeta’ konvenuta rrifjutat li thallsu ghax sostniet li l-kuntratt ta’ assikurazzjoni kien null *ab initio* u baghtitlu lura l-*premiums* tas-snin precedenti u tterminaw

l-istess kuntratt. B’hekk permezz tac-citazzjoni odjerna l-attur irid li din il-Qorti tiddikjara li l-kuntratt ta’ assikurazzjoni in kwistjoni kien ghadu validu fit-30 ta’ April 1995 u fid-data tal-*claim* tat-2 ta’ Mejju 1995. *Inoltre* tordna u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta biex thallas lill-attur il-valur tal-vettura a tenur ta’ l-imsemmi kuntratt li kien jibda mill-1 ta’ Novembru 1994 u jintemm fil-31 ta’ Ottubru 1995.

Illi s-socjeta’ konvenuta eccepiet illi l-allegat kuntratt ta’ assikurazzjoni bejn il-partijiet ma jezistiex u qatt ma ezista legalment. Infatti hija sostniet li meta l-attur mela l-*proposal form* hu wiegeb hazin ghal diversi domandi li sarulu jew ma zvelax certa nformazzjoni ta’ natura mportanti. Hekk l-istess meta mela l-*claim form* rigwardanti l-*claim* medesima li tat lok ghall-kawza odjerna.

## <u>III. PROVI PRODOTTI.</u>

Illi l-attur fix-xhieda tieghu kkonferma d-dikjarazzjoni guramentata. Hu qal li hu kien ipparkja l-vann Ford Transit quddiem id-dar tal-habib tieghu Henry De Marco f’Tal-Bajjada Road, Qormi. Hu kien sakkar dan il-vann u meta l-ghada fil-ghodu mar ghalih ma sabux. Hu mar jirrapporta dan il-fatt fl-Ghassa ta’ Hal Qormi dakinhar stess. Dan kien fit-30 ta’ April 1995. Fit-2 ta’ Mejju huwa mar personalment ghand is-socjeta’ konvenuta biex jaghmel il-*claim* tieghu. Il-polza ta’ assigurazzjoni li kellu kien ghamilha ghand is-*sub-agent* tas-socjeta’ konvenuta taz-Zejtun.

Illi l-istess attur kompla jixhed li ma kienx jaf l-isem tal-persuna ghalkemm jaf li jahdem il-posta u jaghmel dan ix-xoghol *part time.* Hu qal li ma mar fl-ebda ufficju biex tinhariglu din il-polza. L-attur spjega li hu jbiegh il-haxix bil-vann u darba minnhom avvicinatu din il-persuna u qallu li jekk kien interessat biex jirrangalu kollox. L-attur baqa’ mieghu li kellu jirrangalu kollox u dan gablu kollox lest u qallu biex jiffirma. Il-karti relattivi ghall-polza ta’ assigurazzjoni ffirmhom fil-post fejn ikun armat bil-vann tieghu f’St. Lucy Street, Zejtun. Il-vann li kien bih ma

kienx l-istess wiehed assigurat in kwistjoni. Hu qal li qabel ma ffirma kien tah il-*log book*. Xi granet qabel ma ffirma kien qallu biex jiffirma u hu hekk ghamel. Hu jsostni li d-dokumenti li ffirma kienu diga' mimlija qabel ma waslu ghandu u hu sempliciment kemm iffirma.

Illi l-attur sostna li biex hariglu din il-polza kien tah id-dettalji kollha li talbu u tah ukoll il-*log book* relattiv ghall-vann. Hu ma kienx qallu biex jirrispondi ghall-ebda mistoqsijiet u l-attur qal li ma kienx jaf li kien hemm dawn il-mistoqsijiet. L-attur iddikjara li ma jafx jaqra imma jaf jiffirma. Is-*sub-agent* qallu biex jiffirma u ndikalu fejn kellu jpoggi l-firma tieghu u hu ffirma fejn kien indikat lilu. Is-somma assigurata kienet fl-ammont ta' Lm1,400. Kien l-attur innifsu li ssuggerixxa dan l-ammont. Hu kien staqsih jekk riedx jara l-vann in kwistjoni izda hu qallu li ma kienx hemm ghalfejn. Il-vann kien ilu fit-triq ghal madwar (15) hmistax-il sena. Hu qal li ghandu bzonn dan il-vann ghax hu jahdem mal-Gvern bhala *impressed driver* u meta l-vann l-iehor li ghandu kien ikun bil-hsara kien johrog bil-vann mertu tal-kawza odjerna.

Illi l-**P.S. Edgar Borg** xehed li fit-30 ta' April 1995 fis-7:10 ta' fil-ghodu mar l-Ghassa ta' Hal Qormi Raymond Borg u ghamel rapport illi kien insteraqlu vann tat-tip Transit (Nru tar-Reg. A-6537). Dan tah id-dettalji ta' fejn kien ipparkjat. Meta staqsih kienx jissuspetta f'xi hadd ir-risposta tieghu kienet fin-negattiv. Mar kuntistabbli fl-inhawi fejn il-vann kien thalla pparkjat u l-ebda nformazzjoni ma nkisbet. B'hekk ix-xhud baghat kopja tar-rapport fid-*depot* tal-Pulizija. Hu m'ghadux stazzjonat hemm izda sakemm kien hemm (tliet xhur qabel ma xehed) ma kellu l-ebda taghrif illi l-vann kien instab.

Illi in kontro-ezami qal li l-attur kien iddikjara li l-vann in kwistjoni kien ipparkjah hu stess u kien hallih imsakkar. Hu esebixxa kopja ta' l-okkorrenza li rrediga hu nnifsu mmarkata bhala Dok. "FGC 3" (a fol. 38 u 39 tal-process).

Illi **Joseph Mario Sultana** *(mechanic)*, xehed li jaf lill-attur ghax gieli hadem fil-vann in kwistjoni. Hu jistma l-valur tal-vann bejn tlettax-il mija u erbatax-il mija (Lm1,300 –

Lm1,400). Kieku l-vann kellu jinxtara gdid wiehed irid jonfoq bejn Lm3,500 u Lm3,600.

Illi in kontro-ezami qal li ilu jahdem bhala *mechanic* ghall-ahhar ghaxar snin mix-xhieda. L-istima li ta tal-vann bhala gdid tmur lura ghal meta kien inxtara. Il-vann kien ilu fit-triq bejn ghaxra u hdax-il sena – jista' jkun li kien fit-triq mill-1973. L-istima tieghu ghamilha wara li ha in konsiderazzjoni l-kundizzjoni li kien jinsab fiha. Hu kien ilu jara l-vann ghal madwar tliet (3) snin ghax hadem fuqu.

Illi **Anthony Savona**, *claims clerk* u *surveyor* mas-socjeta' konvenuta fejn kien ilu jahdem l-ahhar tletin (30) sena, xehed fl-affidavit tieghu li hu tratta l-*claim* ta' Raymond Borg. Hu qal li l-attur mar ghandhom fl-ufficju fit-3 ta' Mejju 1995 fejn mela l-*claim* tieghu li l-vann in kwistjoni kien insteraq. Wara li rcevew din il-*claim* ezaminaw il-*proposal form* tieghu li abbazi taghha kienu hargu l-polza ta' assigurazzjoni. Ghad-domanda numru "6 E", cjoe' li tghid *"During the past 3 years, have you been involved in any accident or claim irrespective of blame or loss by fire or theft?",* l-attur irrisponda fin-negattiv. Huma ghamlu l-*claim's check* mal-assocjazzjoni tal-kumpaniji tal-assikurazzjoni dwar Raymond Borg u sabu li kellu hames *claims* ohra li jkopru l-perjodu mill-11 t'April 1992 sal-31 ta' Lulju 1995, fost liema *claims* kellu wkoll serqa ta' trakk. Il-*proposal form* hi datata 18 ta' Settembru 1992 u kienet tkopri l-perjodu mill-1 ta' Novembru 1992 sal-31 ta' Ottubru 1993. Meta huma rrealizzaw li l-assikurat taghhom kien tahom informazzjoni zbaljata fil-*proposal form* huma dehrilhom li ma setghux jaccettaw il-*claim* bhala tali. B'hekk baghtulu ittra datata 11 ta' Lulju 1995 fejn infurmawh illi ma setghux jaccettaw il-*claim*, qalulu li l-polza li fetah maghhom kienet ikkunsidrata bhala nulla mill-bidu nett u rrifondewlu l-*premium* li kien hallas fl-ammont ta' Lm171.72 billi baghtulu *cheque.* Dan ic-*cheque* ma ssarrafx.

Illi **Emanuel Cumbo**, *sub-agent* tas-socjeta' konvenuta, xehed li kien hu li mela l-*proposal form* tal-attur. Hu qal li kellu lill-attur quddiemu beda jistaqsih id-domandi u huwa jnizzel ir-risposti li beda jtih. Hu qal li nkwantu ghall-kulur

tal-vettura u dettalji ohra li rrizultawlu mil-*log book* hadhom minnu pero' dwar id-dettalji l-ohra kollha dawn nizzilhom fuq l-informazzjoni li jaghtih il-klijent direttament. Meta nduna li l-klijent ma jafx bl-Ingliz beda jaghmel id-domandi bil-Malti u jnizzel dak li jghidlu bl-Ingliz. Hu xehed li lill-attur ma kienx jafu u qatt ma kien iltaqa' mieghu qabel dakinhar li mar jinxurja l-vettura tieghu. Jaf li kien ibiegh il-haxix u kienet mart ix-xhud li ressqitu lejh. Cumbo kkonferma li ma nizzel xejn li ma qallux Borg u ma biddel xejn minn dak li qallu. Hu kkonferma l-kaligrafija tieghu fil-*proposal form* esebita fl-atti tal-Qorti.

Illi in kontro-ezami qal li hu fl-1996 kien jahdem il-Posta u kien ilu mill-1981 jaghmel xoghol ma' Fogg Limited. Dan ix-xoghol kien jaghmlu mill-ufficju tad-dar tieghu. Kienet martu li kellmet lill-attur u qalet lil zewgha biex imur ikellem lill-attur. Cumbo mar kellmu fejn ikun ibiegh il-haxix. Il-*log book* gabulu minn gol-vann u qal li l-*proposal form* imlihielu minn fuq il-*bonnet* tal-vann tieghu ghax meta qallu biex imur id-dar l-attur qallu li ma kellux cans.

**<u>IV. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi kif inghad fis-sentenza **"Marco Tanti vs O.F.Gollcher & Sons Limited noe"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 - Cit. Nru 907/96/RCP) :-

*"the contract of insurance is the primary illustration of a class of contracts described as uberimae fidei that is, of the utmost good faith. As a result, the potential parties to it are bound to volunteer to each other before the contract is concluded information that is material"… … … … The basis effect of this duty can be stated quite simply. An applicant for insurance is under a duty to disclose to the insurer, prior to the conclusion of the contract, but only up to this date, all material facts within his knowledge, which the latter does not or is deemed not to know. A failure to disclose, however innocent, entitles the insurer to avoid the contract ab initio, and upon avoidance it is deemed never to have existed. The insurer must avoid within a reasonable time of becoming aware of the non-disclosure. The duty arises whenever a fresh contract is concluded,*

*and most importantly, this includes upon a renewal of any contract except that of life insurance.”* **(Birds’ Modern Insurance Law –** pg 101 – 102). **“Dr. Gerald Montanaro Gauci vs Alex Agius Cesareo et”** (P.A. (RCP) 31 ta’ Jannar 2002); **“Anthony Vassallo vs Alfred S. Azzopardi nomine”** (P.A. (NA) 21 ta’ April 1999)”.

Illi mbaghad fis-sentenza **“Joseph Rizzo vs John Formosa noe”** (P.A. (TM) 3 ta’ Ottubru 2002 - Cit. Nru: 640/93/TM) ukoll inghad li kuntratt ta’ assikurazzjoni hu kuntratt *uberimae fidei* u dan il-principju hu accettat mill-awturi u gurisprudenza in materja. Il-Qorti kompliet tghid li:-

*“Kuntratt t’assikurazzjoni huwa riskju ghal min johrog il-kopertura, u kwindi, hu mistenni li min jitlob assikurazzjoni jkun onest maghha u jaghtiha l-informazzjoni kollha materjali u rilevanti ghall-kaz. Hekk, fil-kawza* ***“Rozanes vs Bowen”****, (1928) il-Qorti Ngliza osservat li:- “It has been for centuries in England the law in connection with insurance of all sorts, that as the underwriter knows nothing and the man who comes to him to ask him to ensure knows everything, it is the duty of the assured, the man who desires to have a policy, to make a full disclosure to the underwriters, without being asked, of all the material circumstances. … That is expressed by saying that it is a contract of the utmost good faith”. Fil-kawza* ***“Greenhill vs Federal Insurance Co Ltd”****, (1927) rega’ ntqal li:- “Now, insurance is a contract of the utmost good faith, and it is of the gravest importance to commerce that the position should be observed. The underwriter knows nothing of the particular circumstances of the voyage to be insured. The assured knows a great deal, and it is the duty of the assured to inform the underwriter of everything that he has not taken as knowing, so that the contract may be entered with an equal footing”. Dan il-principju gie emfasizzat fl-****EEC Council Directive tal-1977****, ghalkemm, f’dik id-direttiva, gie suggerit li l-obbligu tal-assikurat huwa ezawrit meta jirrispondi onestament id-domandi li jkun hemm fil-polza, minghajr htiega li jzid aktar”.*

Illi dawn il-principji, kif inghad, huma anke accettati mill-Qrati taghna. Hekk, fil-kawza **"Camilleri noe vs Bartolo",** deciza minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fit-22 ta' Marzu 1982, polza ta' assikurazzjoni giet invalidata meta rrizulta li l-assikurat ma kienx informa lill-kumpanija assikuratrici li kien ghamel *claims* ohra qabel ma avvicina l-assikurazzjoni. Gie ribadit il-principju li kull fatt materjali ghandu jigi ndikat, u fatt materjali gie deskritt bhala *"fatt ta' xorta tali li jinfluwenza d-decizjoni ta' assiguratur prudenti meta jigi biex jara jekk ghandux jiehu r-riskju".*

Illi fil-kawza **"Degiorgio vs Agius"**, deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' Gunju, 1962 (Vol XLVI.II.656) intqal li *"il-kuntratt ta' assikurazzjoni hu meqjus bhala wiehed tal-aqwa bona fede, u l-proponent ghandu jaghti risposta cara dwar dettalji li jigu mistoqsija lilu espressament fil-proposal forms; anzi hu generalment ritenut li l-proponent hu fid-dmir li jsemmi kull fatt li ragjonevolment ghandu jhoss li hu rilevanti ghall-assikuratur li jkun jaf, u dan anke' jekk ma jkunx mistoqsi".*

Illi l-istess principju gie ribadit dan l-ahhar minn din l-istess Qorti fil-kawza **"Muscat vs Gasan Insurance Agency Limited"** deciza fit-2 ta' Marzu, 1998, u fil-kawza **"Parnis vs Fava"** deciza fis-26 ta' Ottubru, 2001 u **"Joseph Mamo vs Joseph Grech et noe"** (P.A. (TM) 3 ta' Ottubru 2002 - Cit.Nru : 108/93/TM).

Illi hu wkoll stabbilit fil-gurisprudenza illi *"il-proposal form hija parti ntegrali tal-polza ta' l-assigurazzjoni, u kwindi, dikjarazzjoni falza maghmula fil-formola hija qisha dikjarazzjoni falza fil-polza."* (Vol.XXXVI.II.610).

Illi fis-sentenza *supra citata* ta' **"Marco Tanti vs O.F. Gollcher & Sons Limited noe"** gie kkwotat il-kaz ta' **"Carter vs Boehm"** (1766 3 Burr 1905 at 1909) meta ***Lord Mansfield*** spjega li:-

*"Insurance is a contract upon speculation. The special facts, upon which the contingent chance is to be computed, lie mostly in the knowledge of the insured only: the underwriter trusts to his representation, and proceeds*

*upon the confidence that he does not keep back any circumstance in his knowledge, to mislead the underwriter into a belief that the circumstance does not exist, and to induce him to estimate the risk as if it did not exist".*

Illi l-Qorti kompliet:-

*"Illi rigward dak li huwa materjali ghall-finijiet tal-hrug tal-polza, apparti li din il-Qorti thoss li ovvjament l-informazzjoni rikjesta fil-proposal form ghandha titqies li hija dejjem materjali, stante l-importanza anke jekk soggettiva li l-istess assiguratur ikun qed jaghti lil tali dettal jew domanda, ghaliex altrimenti kieku ma jkunx inkludiha fl-istess proposal form, pero' oggettivament gie stabbilit li "a fact is material for the purposes of both non-disclosure and misrepresentation if it is one which would influence the judgment of a reasonable or prudent insurer in deciding whether or noto accept the risk or what premium to charge or possibly, whether to impose particular terms in the contracts such as exclusion or an excess".* **(Birds' Modern Insurance Law –** pg.100 – **Law Commission Report No**. **104** para.4.48). *Gie affermat ukoll il-principju li l-kwistjoni dwar il-materjalita' hija kwistjoni ta' fatt* ***(Glicksman vs Lancashire and General Assurance Co. Ltd. (1927 A.C. 139)****.*

Illi rigward ta' x'inhu meqjus materjali l-Qorti tal-Appell fis-sentenza **"Salvu Briffa vs Walter Camilleri noe"** (A.C. 9 ta' Frar 2001) qalet li gie ritenut li:-

*"In general the wide ranging nature of this duty of disclosure, which has been prevailing in insurance contracts in England, has been the subject of severe academic criticism for a long time. This doctrine of duty of disclosure in insurance contracts, has been regarding as rigid, inflexible and out of date. The expression 'contracts uberimmae fidei' has been too frequently and almost indiscriminately used by insurers and judges as an excuse for ignoring insurance claims. Consequently, the insured's duty of disclosure of material facts becomes one of the most onerous burdens on the insured in insurance contracts" (****Semin Park – The Duty of Disclosure in***

***Insurance Contract Law*** *(1996) p.68). Indubbjament pero' u minghajr ebda rizerva 'the fact that the proposer has suffered losses of cars on previous occasions has been held to be material.' (**Fire and Motor Insurance Ivamy** 3rd edition, (1978)p.203)."*

Illi *ai fini* tal-vertenza odjerna jinghad li hemm qbil fost l-awturi li *"an insured's accident history will often be of greatest importance to an insurer".* Issa meta assikuratur jichad li qatt qabel ma ghamel *claims* meta, fil-fatt ghamel, jew meta jkun mistoqsi dwar haga specifika direttament u jonqos li jaghti risposta preciza tal-fatti li jistghu jkunu materjali ghall-konkluzjoni tal-ftehim dwar il-hrug innifsu tal-polza ta' assikurazzjoni, m'ghandux ikun hemm dubju li hu naqas milli jikxef *"a material fact".*

Illi fil-fatt il-kaz in ezami huwa simili hafna tal-kaz *supra citat* **"Joseph Rizzo vs John Formosa noe"** fejn fiz-zewg kazijiet l-assikuraturi assikuraw l-vetturi taghhom kontra serq u l-persuna li kienet ghamel il-*claim* giet akkuzata mis-socjeta' assikuratrici li naqset li tindika li precedentement kien gja' nsterqilhom vann jew vettura ohra qabel.

Illi ovvjament kif fuq inghad s-socjeta' assikuratrici hafna drabi tiddependi fuq il-fatti minn dak li jghidilha l-klijent u dan huwa proprju l-iskop tal-istess *proposal form.* Fil-kaz in ezami ma hemm lanqas ebda dubju li d-domanda relevanti ghad-determinazzjoni tal-kwistjoni odjerna, u cjoe' jekk fit-tliet (3) snin qabel il-mili tal-istess formola huwa kienx involut f'xi incident jew *cliam* hija materjali kemm ghall-hrug tal-istess polza, kif ukoll fl-ahhar mill-ahhar ghad-determinazzjoni tal-pendenza odjerna.

Illi fil-kaz specifiku huwa relevanti ghall-polza ta' assigurazzjoni *Third Party, Fire and Theft* li s-socjeta' assikuratrici tkun taf jekk il-*proposer* kellux xi kazi kemm dwar incidenti li seta' kien involut fihom bil-vetttura tieghu u wkoll kazijiet precedenti ta' serq ta' vetturi jekk dawn ikunu jezistu. Ma hemm l-ebda dubju lanqas li lanqas hija haga normali li persuna jinsterqulu zewg vetturi infila, u ghalhekk fl-isfond tan-natura tal-polza li l-istess attur kien

qed ifittex li jkun kopert biha, kien l-obbligu tieghu li jinforma lis-socjeta' assikuratrici u dan sabiex hija abbazi tal-fatti reali tkun tista' fl-ewwel lok tiddeciedi jekk kienitx tidhol ghall-koperta tal-istess riskju u fit-tieni lok anke jekk tiddeciedi li tidhol jista' jkun li minhabba tali precedenti hekk zvelati tali persuna tigi kkonsidrata bhala *"at a high risk"* u certament ikun hemm aggustament tal-*premium* jekk mhux kundizzjonijiet ohra.

Illi ineffetti in konsistenza ma' dan jinghad f' **"Modern Insurance Law"** *(**John Birds – 4th Ed. 1997**):-*

*"A fact is material for the purposes of both non-disclosure and misrepresentation if it is one which would influence the judgment of a reasonable or prudent insurer in deciding whether or not to accept the risk or what premium to charge". [aktar importanti fil-footnote ntqal "Or, possibly, whether to impose particular terms in the contract such as an exclusion or an excess."]*

Illi ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, il-fatt li l-assikurat Raymond Borg irrisponda fin-negattiv ghad-domanda segwenti fil-*proposal form: "During the past 3 years, have you been involved in any accident or claim irrespective of blame or loss by fire or theft?",* meta kien jaf li kien hemm, ghandha twassal ghall-invalidita' tal-kuntratt.

Illi fil-fatt dan in-nuqqas *da parte* tal-attur ikompli jiggrava ruhu meta wiehed jikkonsidra li mill-provi jirrizulta li mir-ricerka li saret mis-socjeta' konvenuta jirrizulta li l-attur kellu hames *claims* ohra li kienu jkopru l-perjodu mill-11 t'April 1992 sal-31 ta' Lulju 1995, fost liema *claims* kellu wkoll serqa ta' trakk. Il-*proposal form* hi datata 18 ta' Settembru 1992 u kienet tkopri l-perjodu mill-1 ta' Novembru 1992 sal-31 ta' Ottubru 1993. Kif diga' gie rilevat, l-obbligu li l-assikurat jizvela l-informazzjoni huwa *"whenever a fresh contract is concluded, and <u>most importantly, this includes upon a renewal of any contract</u> except that of life insurance"* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li m'hemm l-ebda dubju li l-assikurat Borg naqas mid-dover tieghu ta' *"full disclosure*

*of material facts"* u ma mexxiex u lanqas agixxa *in bona fide* tant li hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li n-nuqqas tal-istess jewkivali f'dan il-kaz ghall-ingann u, per konsegwenza, induca lill-assikuratur sabiex jidhol f'din il-polza meta jidher car li kieku s-socjeta' konvenuta kienet taf b'dawn il-fatti kollha minn qabel lanqas kienet biss tidhol sabiex taghti l-koperta rikjesta mill-attur f'dak iz-zmien.

Illi fil-fatt bin-nuqqas *da parte* tal-attur li jizvela dawn il-fatti materjali ghall-hrug tal-istess polza, jirrizulta li s-socjeta' konvenuta dahlet f'dan il-ftehim bi zball fuq il-fatti determinanti li kienu jezistu f'dak iz-zmien tant li, anke taht il-principji tradizzjonali ta' kunsens f'kuntratti, tali misrapprezentazzjonijiet jivvizzjaw il-kunsens, u b'hekk jaghtu lok ghall-annullament tal-kuntratt *ab initio* (ara **"Zammit vs Formosa",** deciza minn din il-Qorti fis-6 ta' Mejju 1994).

Illi fil-kaz in kwistjoni l-attur sostna li ma kienx huwa li mela l-*proposal form* imma kien persuna ohra li kien *sub-agent* tas-socjeta' konvenuta. Huwa qal li ta l-informazzjoni u l-*log book* lil dan il-persuna li ha hsieb li jimla kollox huwa u l-attur kulma ghamel kien li jiffirma fejn qallu. Biex isostni dan qal li hu ma mar fl-ebda ufficju izda ffirma d-dokument in kwistjoni fuq il-*bonnet* tal-vann tieghu. Hu allega li ma giex mistoqsi dwar jekk kellux *claims* ohra fit-tliet snin ta' qabel; u *inoltre* qal li hu ma jafx jikteb u jaqra.

Illi min-naha tieghu pero' *s-sub-agent* tas-socjeta' konvenuta, Emanuel Cumbo, sostna li apparti d-dettalji li setghu rrizultaw mil-*log book* id-dettalji l-ohra nizzilhom fuq l-informazzjoni li jaghtih il-klijent direttament. Hu qal li ma nizzel xejn li ma qallux u ma biddel xejn minn dak li qallu. B'hekk jirrizulta car li l-istess attur anke f'din il-verzjoni tieghu huwa ghal kollox kontradett mill-istess xhud, li x-xhieda tieghu hija skjetta u cara u minghajr ebda tlaqliq, tant li jista' jinghad li hija hafna iktar verosimili u kredibbli minn dik tal-attur innifsu.

Illi fil-fatt il-Qorti tinnota li mhuwiex verosimili dak li sostna l-attur li Cumbo ma saqsihx domandi ghax kif sostniet tajjeb fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha is-socjeta' konvenuta, hemm certu risposti li bilfors kien hemm il-mistoqsijiet relattivi biex tnizzlet ir-risposta. Fosthom bhalma huwa t-tip ta' assigurazzjoni; l-uzu tal-vettura; min ser isuq il-vettura u bla edba dubju anke l-mistoqsija li kienet relevanti ghall-vertenza odjerna dik bin-numru 6 (e).

Illi madankollu, anki jekk ghall-grazzja tal-argument biss kellu jigi koncess li tezi attrici ghandha xi forma ta' kredibbilita' fuq oggett tant materjali ghall-kawza odjerna japplika wkoll dak li nghad fis-sentenza **"Charles Degiorgio noe vs Austin Agius et"** (K. (JHX) 25 ta' Gunju 1962 u cjoe' illi:-

*"Meta l-proposal form tigi mimlija mhux mill-proponent, imma minn persuna ohra, din titqies li mliet il-formola ghall-proponent, u mhux ghall-assikuratur, specjalment meta l-proponent, qabel ma jiffirma l-proposal form, kien hares lejha u accerta ruhu li kollox sar sewwa, u b'hekk assuma r-responsabbilta' tad-dikjarazzjoni maghmula fiha".*

Illi kif intqal f' **"Salvu Briffa vs Walter Camilleri noe"** *supra citata:-*

*"F'kaz simili, is-sub-agent hu mandatarju tal-'proposer', f'dan il-kaz l-attur u mhux tal-kumpanija, filwaqt li jkun qieghed jimla' d-dettalji bl-inkarigu ta' l-attur". Dan il-punt gie ulterjorment elaborat fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Ottubru, 1997, fil-kawza fl-ismijiet **"Lawrence Azzopardi et noe vs Joseph Muscat et nomine et"** li fiha gie ritenut li "in all matters related to the placing of insurance of whatever kind, the insurance broker is the agent of the assured and of the assured alone……..if, as a matter of convenience, he (the insurance agent) fills the proposal form, he is acting as agent for the proposer" (**Charlesworth Mercantile Law 1884**, p.913 et seq). U bhala agent "l-atti kollha maghmulin minn rapprezentant*

*ghall-Principal fil-limiti tas-setghat tieghu ………. igibu direttament l-effett taghhom favur jew kontra l-principal".*

Illi l-Qorti kompliet hekk:-

*"Dan l-obbligu to disclose material information, in tema ta' kuntratti ta' assigurazzjoni, hu llum universalment rikonoxxut ghaliex jifforma element essenzjali tan-natura tal-kuntratt ta' assigurazzjoni. Obbligu li din il-Qorti tqis li kien fuq kollox u qabel xejn jinkombi fuq l-attur li kien fid-dover li sua sponte u volontarjament ipoggi l-informazzjoni kollha ghad-dispozizzjoni tas-socjeta' konvenuta li hadet l-inkarigu li timla' l-proposal form u dana irrispettivament minn jekk u kienx gie jew le mitlub minn din l-istess socjeta' li hekk jaghmel".*

Illi l-assikuratur f'din il-kawza allega li r-risposti ghad-domandi miktuba kien kitibhom l-agent u mhux ghax qallu huwa. Jigi rilevat li l-Qrati Maltin osservaw li kull fatt materjali kellu jigi mikxuf, *"anke, jekk ma jkunx gie mistoqsi",* u ghalhekk din mhix raguni valida ghal *non-disclosure.* U kif intqal fis-sentenzi *supra citati* **"Parnis et vs Fava et noe"** u **"J. Rizzo vs J. Formosa noe"**:-

*"Fuq kollox, jekk l-attur ma giex mistoqsi d-domandi, ma messux qabad u ffirma l-polza. Kien dmir tieghu li, qabel ma jiffirma, jaqra sew dak li kien se jiffirma, u jekk ma jaghmilx hekk irid ibaghti l-konsegwenzi tan-negligenza tieghu. Meta jkun hemm skrittura ffirmata minn parti, hu prezunt li hu accetta dak kollu li jkun regolat fl-iskrittura, u jridu jirrizultaw provi cari u konkludenti biex jigi skartat dak li kien hemm miktub".*

Illi kwindi anki kieku l-kaz kien li l-agent naqas jew wera xi negligenza f'xoghlu, il-konsegwenzi jrid ibaghtihom l-assikurat – salv kull rimedju li dan jista' jkollu kontra l-mandatarju tieghu taht il-ligi. B'hekk huwa kompletament inutili li l-attur f'din il-kawza, jipprova jitfa' l-htija ta' dak li gara fuq l-agent, ghax fil-konfront tat-terzi, l-agir tal-mandatarju jorbot lill-principal tieghu. Jekk il-mandatarju ma esegwiex sew il-mandat tieghu (ghalkemm ma jirrizultax mill-provi prodotti li l-attur qallu bil-*claims*) jista'

jkun possibbli ghad-danni, izda jibqa' l-fatt li l-attur naqas mill-obbligu principali tieghu meta ma stqarrx li kellu gja' *claims* ohra fosthom dik ta' serqa ta' vann, u kwindi s-socjeta' ghandha ragun li ssostni li l-polza ta' assigurazzjoni mertu tal-vertenza odjerna kienet invalida *ab initio.*
Illi dan kollu qed jinghad fl-isfond biss sabiex tigi trattata l-allegazzjoni tal-attur li huwa ma kienx gie mistoqsi fuq dawn l-precedenti, u xejn ma jbiddel mill-fatt li din il-Qorti din il-verzjoni tal-attur ma hijiex qed taccetta *stante* li mhux ma hijiex kredibbli, u wisq inqas versosimili, izda fl-opinjoni tal-Qorti tal-Qorti, tali verzjoni tal-attur hija kontradetta b'mod mill-aktar skjett mill-agent tas-socjeta' konvenuta, u l-Qorti qed taghti affidament lill-istess verzjoni u mhux lill-dik tal-attur.

Illi ghalhekk abbazi ta' dak fuq espost jirrizulta li l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta ghandhom jigu milqugha *stante* li abbazi tan-nuqqas *da parte* tal-attur li jaghti lill-assikuratur fatti materjali w importanti direttament rikjesti lilu fil-*proposal form* huwa ma osservax il-principju ta' *uberimae fidei* li jirregola l-kuntratt ta' assikurazzjoni, u fil-fatt l-istess attur naqas mill-obbligu tieghu li jinforma lill-istess socjeta' konvenuta b'dawk il-fatti li kienu materjali ghad-determinazzjoni u l-hrug tal-istess polza u ghalhekk l-attur huwa responsabbli f'dan il-kaz ghall *"non disclosure of material facts"* u ghalhekk tali kuntratt ta' assikurazzjoni ghandu u qed jigi dikjarat bhala null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

## V. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt **li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta** fis-sens u kif dikjarat f'din id-decizjoni odjerna, **tichad it-talbiet attrici** bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-kuntratt ta' assikurazzjoni citat mill-attur fil-kawza odjerna polza ta' assikurazjoni numru FACV23049/11/94 numru tac-certifikat 23049 qed jigi dikjarat bhala null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi *stante* li l-attur naqas li jaghti l-informazzjoni u fatti

materjali kollha li messhom u kellhom jigu korrettament dikjarati biex iservu bhala bazi tal-kuntrat ta' assikurazzjoni ta' bejn il-partijiet kollox abbazi ta' dak fuq premess.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------